MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 164/2004

**Avviz numru : 164/2004 AL**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**vs**

**Roger Zarb (ID 449366M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut jigi ikkundannat illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, erbgha mija u hames liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM 2405.89) rapprezentanti ammont ta’ numru telefoniku 21633364 (skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ Dok A), liema servizz gie stallat fil-fond ‘Rogmichdan’ Triq il-Munxar, Marsascala (CN1026053PO a/c 10042041) u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok B;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-pretensjoni attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li s-servizz li ghalih huwa qed jigi mitlub ihallas ma inghatax lilu.
2. Illi s-sistema telefonika ta’ l-attrici tippermetti serq u abbuz iehor, partikolarment meta jintuza cordless telephone, u l-konvenut la ghandu jhallas ghal dan l-abbuz u anqas ghal dan in-nuqqas fis-sistema ta’ l-attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-Avukat tas-socjeta’ attrici, kif ukoll ta’ l-Avukat tal-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu kompilati bil-mod kif gej :

Illi l-konvenut kiteb ittra indirizzata lis-socjeta’ attrici fejn ikkontesta kont illi kien irceva, liema kont kien ta’ elf tlett mija sebgha u ghoxrin lira. Illi l-konvenut kiteb ittra peress illi kienet tnehhietlu l-linja tat-telephone. Effettivament l-ahhar linja ta’ l-ittra tieghu taqra hekk : “Hope you take this into consideration and hope you give me the line back on my phone”.

Illi l-konvenut mar ghand is-socjeta’ attrici u mela “contestation sheet”, u dan fil-5 ta’ Novembru, 2002. Illi permezz ta’ din il-contestation sheet huwa awtorizza lis-socjeta’ attrici sabiex taghmel l-investigazzjonijiet kollha

necessarji u tanalizza t-telefonati kollha maghmula mill-linja tieghu jew ricevuti fuq il-linja tieghu.

Illi fis-16 ta' Dicembru, 2002 il-Bord tal-Maltacom illi jiehu hsieb il-kontestazzjonijiet kiteb lill-konvenut fejn infurmah illi kienu ghamlu "on site inspection" u ma irrizulta l-ebda sinjal ta' tbaghbis jew irregolaritajiet fuq il-linja tieghu. Huwa gie infurmat illi minn aktar investigazzjonijiet illi kienet ghamlet is-socjeta' attrici irrizulta illi l-konvenut kien hu stess cempel lil uhud minn numri "overseas" ukoll mis-set cellulari tieghu. Illi minn din l-istess ittra jirrizulta illi l-kontestazzjoni ta' l-imputat kienet tirrigwarda telefonati maghmula mill-linja tieghu lejn il-Macedonia fil-perjodu ta' Mejju, Gunju, 2002. Il-konvenut finalment gie infurmat illi kellu jhallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici li kien jammonta ghal elfejn, tlett mija tnejn u disghin lira u sbatax il-centezmu (LM 2,392.17).

Illi fil-15 ta' Ottubru ta' 2003 is-socjeta' attrici kitbet lill-konvenut u interpellatu sabiex fi zmien ghaxart ijiem ihallas is-somma ta' ta' elfejn, erbgha mija u hames liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM 2405.89) dovuti lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku tieghu skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u fin-nuqqas kienu ser jittiehdu proceduri ulterjuri kontra tieghu. Illi din l-ittra intbaghtet permezz tal-posta registrata u l-konvenut irceviha fil-21 ta' Ottubru, 2003.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici ressqet bhala xhud lil Charmaine Galea Triganza. Charmaine Galea Triganza xehdet illi ghamlet spezzjoni fuq il-linja tat-telephone tal-konvenut bin-numru 21633364, wara li l-konvenut kien ghamel kontestazzjoni mas-socjeta' attrici. Hija xehdet illi spezjonat din il-linja tat-telephone, segwiet il-procedura normali u ma sabet l-ebda tbaghbis, l-ebda "tampering" ma din il-linja. Hija xehdet ukoll illi fil-perjodu in kwistjoni, Mejju 2002, it-"telephone number" tal-konvenut kien qieghed jigi spezzjonat kull hamsa u hamsin minuta, u dana peress illi kien hemm eskalazzjoni ta' telefonati barra minn Malta fuq in-numru tieghu. Hija kompliet tixhed illi xi

hadd mill-Maltacom Corporation kien kellem lill-konvenut u gibidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt. Ix-xhud kompliet tghid illi l-procedura normali hija illi l-klijent ikun mgharraf illi jista jaghmel “code control barring” u dana sabiex ma ikunux jistghu isiru telefonati ghal barra minn Malta minn fuq il-linja tieghu. Izda il-konvenut ma talabx li issir din il-“code control barring”, il-“calls” baqghu ghaddejjin u regghet saret spezzjoni minn xi haddiehor tal-Maltacom u rega’ ma instab l-ebda tbaghbis. Ix-xhud qalet illi fil-frattemp kienet kellmet lill- konvenut dwar dawn it-telefonati. Hu cahad li kien qed jaghmilhom hu u hi qaltlu “mela ara min qieghed juzalek il-linja tieghek”. Sussegwentement hi irrispondiet lura lill-“contestation board”. Ix-xhud kompliet tghid illi kienu qeghdin isiru diversi telefonati ghal barra minn Malta minn fuq il-linja tal-konvenut u kienu qeghdin isiru wkoll telefonati lil numru fis lokali, partikolarment numru 21496855 li jappartjeni lil certu Alan George Lillicrapp li joqghod Santa Venera. Gieli anke sekonda wara li kienet issir l-“overseas call” xi hadd kien icempel in-numru lokali ta’ Alan George Lillicrapp minn fuq il-linja tal-konvenut. Ix-xhud stabbilit ukoll illi Alan George Lillicrapp, mill-linja tieghu, kien ukoll icempel spiss lill-konvenut u ghalhekk ix-xhud stabbilit illi kien hemm konnessjoni bejn dawn iz-zewg numri. Ix-xhud kompliet tghid illi kien hemm zewg numri partikolari esteri li xi hadd kien qieghed icempel mill-linja tal-konvenut u dawn iz-zewg numri kienu fil-pajjiz tal-Macedonia, wiehed minnhom kien numru cellulari u x-xhud stabbilit wkoll illi l-konvenut kien qieghed icempel lil dawn l-istess zewg numri esteri fil-Macedonia anke mill-linja cellulari tieghu, 99243211, u dana fuq ammissjoni ta’ l-istess konvenut. Charmaine Galea Triganza finalment xehdet illi deher mobile number iehor 99084226 u stabbilit konnessjoni ma dan in-numru u n-numru fiss tar-residenza tal-familja Lillicrapp.

Illi meta xehed il-konvenut f’dawn il-proceduri huwa qal illi l-ahhar kont illi kellu kien ta’ tmientax il-lira u erbgha u erbghin centezmu u kien ghadu ma hallsux u minn hemm bdew il-problemi. Skond l-istess konvenut sa kemm kellu dan il-kont pendenti ta’ tmientax il-lira u erbgha u erbghin centezmu l-ewwel qatghulu l-linja tat-telephone fis-sens illi

ma setghax icempel, setgha biss jircievi “calls”. Ghall-ewwel haseb li kellu hsara fil-linja, u ftit zmien wara qatghulu l-linja totalment u baqa’ jahseb li kellu l-hsara. Fuq domanda tal-Qorti, l-konvenut qal illi kien ghadu ma marx jirrapporta l-hsara. Izda umbaghad cemplulu tal-Maltacom li qalulu li kellu kont pendenti li kien jinkludi “overseas calls”. Il-konvenut xehed illi huwa ikkontesta l-kont meta sar jaf bih, peress illi huwa ma kienx ghamilhom hu dawn is-sejhiet, id-dar kien jghix wahdu, kellu tfajla dak iz-zmien tghix mieghu, pero’ ic-cavetta kienet tkun ghandu biss. Huwa xehed illi qatt ma hareg mid-dar u halla lil din it-tfajla warajh id-dar. Il-konvenut ammetta illi kien cempel l-istess numru tal-Macedonia mit-telephone cellulari tieghu u dan kien l-istess numru fil-Macedonia li xi hadd kien cempel mil-linja tieghu. Dwar numri esteri ohrajn il-konvenut xehed illi huwa stess ipprova jara ta’ min kienu dawn il-linji, cempel minn “phone booth” u darba minnhom gietu “answering machine” li kienet tghid “this number does not exist” u n-numru l-iehor irrispondih Tork u ma setghux jiftehmu ghaliex dan ma kienx jitkellem bl-Ingliz. Il-konvenut kompla jixhed illi mhux imbilli qalu huma, ghaliex skond hu is-socjeta’ attrici ma baghtet lil hadd biex tara jekk fil-fatt xi hadd kienx baghbaslu l-linja tat-“telephone” tieghu jew le. Il-konvenut kompla jixhed illi huwa kellu “cordless phone” fiz-zmien in kwistjoni u hadd ma talbu biex jurihom dan il-“cordless phone” u skond hu qalulu li meta jkollok “cordless phone” hemm perikolu li xi hadd juzalek il-linja tieghek, anke meta jkunu ghaddejjin minn fuq il-bjut. Finalment il-konvenut xehed illi ma jahdimx u jghix bir-“relief” u irid imantni lit-tifel tieghu. Huwa xehed ukoll illi kien ghamel xi sitt telefonati ghal barra minn Malta u precizament lejn il-Macedonia minn fuq il-linja fissa tieghu. Il-konvenut rega’ xehed u esebixxa kont tat-telephone li wera li kien hallas l-ammont ta’ sittax il-lira u sebgha u disghin centezmu u dwar ir-rimanenti elf tlett mija u ghaxar liri u tlieta u erbghin centezmu dan l-ammont kien ikkontestat.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ikkontenda illi l-linja tat-telephone tieghu kienet giet imbaghbsa. Fix-xhieda tieghu qal illi dan setgha gara peress illi kellu cordless phone fiz-zmien in kwistjoni u ghalhekk xi hadd setgha uza l-linja tieghu u tella l-kontijiet dovuti lill-Maltacom.

Illi kif inhu ben saput min jallega irid jipprova, almenu fil-kamp civili sal-grad tal-probabbli. (Vide sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' April 2002 fl-ismijiet "Maria Stella Borg vs Joseph u Georgina konjugi Cassar" u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet "Vincent Brincat ezercenti taht l-isem Infocus Promotions vs Anna Caruana ezercenti taht l-isem Plus Sizes". F'din ta' l-ahhar, saret referenza ghal sentenza a Vol XXX1X p 11 p 585" hawn tqum il-kwistjoni ta' min ghandu jaghmel il-prova. F'dan ir-rigward jehtieg li ssir distinzjoni bejn il-kreditur u d-debitur tal-obbligazzjoni. Il-kreditur ghandu jipprova l-inadempjenza tal-attur li tista tikkonsisti anke f'semplici dewmien ….. wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempjent kien dovut ghal xi haga barranija li taghha huwa ma kienx responsabbli.

Illi s-socjeta' attrici ghamlet l-investigazzjoni kollha necessarja wara li l-konvenut ikkontesta l-ammont dovut minnu, kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat. Wara li saru l-indagini kollha necessarji gie stabbilit illi ma kien hemm l-ebda tbaghbis fuq il-linja tal-konvenut.

Illi x-xhud tas-socjeta' attrici spjegat fid-dettal illi l-istess konvenut ammetta maghha, kif fil-fatt irrizulta, illi uza t-telephone cellulari tieghu sabiex icempel in-numri fil-Macedonia, l-istess numri illi l-istess konvenut meta xehed ammetta illi kien cempel mill-linja fissa tieghu, ghalkemm xehed illi huwa cempel biss sitt darbiet u mhux id-drabi kollha kif jirrizulta mill-kont. Gie stabbilit wkoll illi kien hemm konnessjoni bejn il-konvenut u n-numru fiss ta' Alan George Lillicrapp.

Illi ghalhekk irrizulta b'mod car illi s-socjeta' attrici ressqet il-provi kollha necessarji u il-kontenzjonijiet taghha.

Illi l-konvenut pero' da parti tieghu ghamel biss allegazzjoni in aria u ma ressaq l-ebda xhud, jew prova fis-sens illi effettivament kien qieghed isir xi tbaghbis fuq il-linja tat-telephone tieghu. Huwa ma ressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-allegazzjoni tieghu u lanqas ma irnexxielu jirribatti ix-xiehda li ressqet is-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erbgha mija u hames liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM 2405.89).

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------